



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 11 ta' Lulju 2023
(OR. en)

11202/23

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0215 (NLE)

ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li temenda d-
Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (tal-5 ta' Ottubru 2021 dwar l-
approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru r-reżiljenza għal Malta

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

ta'...

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (tal-5 ta' Ottubru 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru r-reżiljenza għal Malta

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 20(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

¹ ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17.

Billi:

- (1) Wara l-preżentazzjoni tal-pjan nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza (recovery and resilience plan, “RRP”) minn Malta fit-13 ta’ Lulju 2021, il-Kummissjoni pproponiet il-valutazzjoni pożittiva tagħha lill-Kunsill. Fil-5 ta’ Ottubru 2021, il-Kunsill approva l-valutazzjoni pożittiva permezz ta’ deċiżjoni ta’ implimentazzjoni (id-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-5 ta’ Ottubru 2021¹).
- (2) Skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2021/241, il-kontribuzzjoni finanzjarja massima għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli ta’ kull Stat Membru trid tiġi aġġornata sat-30 ta’ Ġunju 2022 f’konformità mal-metodoloġija pprovduta fih. Fit-30 ta’ Ġunju 2022, il-Kummissjoni ppreżentat ir-riżultati ta’ dak l-aġġornament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
- (3) Fis-26 ta’ April 2023, Malta ppreżentat RRP nazzjonali modifikat, inkluż kapitolu tar-REPowerEU f’konformità mal-Artikolu 21c tar-Regolament (UE) 2021/241, lill-Kummissjoni.
- (4) L-RRP modifikat iqis ukoll il-kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata f’konformità mal-Artikolu 18(2) tar-Regolament (UE) 2021/241 u jinkludi talba motivata lill-Kummissjoni biex tagħmel proposta biex temenda d-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-5 ta’ Ottubru 2021 f’konformità mal-Artikolu 21(1) tar-Regolament (UE) 2021/241 għar-raġuni li l-RRP parzjalment ma għadux jista’ jinkiseb minħabba ċirkostanzi oġġettivi. Il-modifiki tal-RRP ippreżentati minn Malta jikkonċernaw sitt miżuri.

¹ Ara d-dokumenti ST 11941/2021 u ST 11941/2021 ADD 1 fuq <http://register.consilium.europa.eu>.

- (5) Fit-12 ta' Lulju 2022, il-Kunsill indirizza rakkomandazzjonijiet lil Malta fil-kuntest tas-Semestru Ewropew. B'mod partikolari, il-Kunsill irrakkomanda li Malta tiżgura li t-tkabbir tan-nefqa kurrenti ffinanzjata fil-livell nazzjonali jkun konformi ma' pożizzjoni ta' politika newtrali b'mod ġenerali, bil-kunsiderazzjoni tal-issuktar tal-appoġġ temporanju u mmirat għall-aktar unitajiet domestiċi u ditti vulnerabbli għaż-żidiet fil-prezzijiet tal-enerġija u għall-persuni li qed jaħarbu mill-Ukrajna. F'dan ir-rigward, il-pajjiż kellu jkun lest li jaġġusta l-infiq attwali għas-sitwazzjoni li qed tevolvi u jespandi l-investment pubbliku għat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali u għas-sigurtà tal-enerġija (ir-rakkomandazzjoni 1 tal-2022). Il-Kunsill irrakkomanda wkoll li Malta tipproċedi bl-implimentazzjoni tal-RRP tagħha, f'konformità mal-istadji importanti u l-miri inklużi fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-5 ta' Ottubru 2021 (ir-rakkomandazzjoni 2 tal-2022). Barra minn hekk, il-Kunsill irrakkomanda li Malta tieħu azzjoni biex tindirizza b'mod effettiv il-karatteristiki tas-sistema tat-taxxa li jistgħu jiffaċilitaw l-ippjanar aggressiv tat-taxxa minn individwi u kumpaniji multinazzjonali u temenda r-regoli għal kumpaniji mhux domiċiljati (ir-rakkomandazzjoni 3 tal-2022). Il-Kunsill irrakkomanda wkoll li Malta tnaqqas id-dipendenza ġenerali fuq il-fjuwils fossili billi taċċellera l-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli, tippromwovi u tippermetti investimenti fl-enerġija mir-riħ u mix-xemx, inkluż f'impjanti tal-enerġija galleġġanti lil hinn mill-kosta, tkompli ttejjeb in-network tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni tal-elettriku ta' Malta, u toħloq inċentivi għall-ħżin tal-elettriku biex tiġi pprovduta enerġija affidabbli, flessibbli u li tirrispondi malajr.

Il-Kunsill appella lil Malta biex tnaqqas id-domanda għall-enerġija permezz ta' effiċjenza enerġetika mtejba, b'mod partikolari fil-bini residenzjali, u tnaqqas l-emissjonijiet mit-trasport bit-triq billi tiġi indirizzata l-konġestjoni tat-traffiku permezz ta' titjib fil-kwalità tas-servizz tat-trasport pubbliku, sistemi ta' trasport intelliġenti u investiment f'infrastruttura ta' mobbiltà ratba (ir-rakkomandazzjoni 4 tal-2022). Wara li vvalutat il-progress fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż rilevanti fiż-żmien tal-preżentazzjoni tal-RRP nazzjonali modifikat, il-Kummissjoni ssib li sar progress limitat fir-rigward tar-rakkomandazzjoni dwar l-ippjanar aggressiv tat-taxxa u r-rakkomandazzjoni biex titnaqqas id-dipendenza ġenerali fuq il-fjuwils fossili, jiġi aċċellerat l-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli, tittejjeb l-effiċjenza enerġetika u jitnaqqsu l-emissjonijiet mit-trasport bit-triq.

- (6) Il-preżentazzjoni tal-RRP modifikat segwiet proċess ta' konsultazzjoni, imwettaq f'konformità mal-qafas legali nazzjonali, bl-involviment ta' awtoritajiet lokali u reġjonali, sħab soċjali, organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra. Is-sommarju tal-konsultazzjonijiet ġie ppreżentat flimkien mal-RRP nazzjonali modifikat. Skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) 2021/241, il-Kummissjoni vvalutat ir-rilevanza, l-effettività, l-effiċjenza u l-koerenza tal-RRP modifikat, f'konformità mal-linji gwida ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Anness V ta' dak ir-Regolament.

- (7) L-RRP modifikat ippreżentat minn Malta jaġġorna erba' miżuri biex titqies il-kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata. Malta spjegat li, minħabba li l-kontribuzzjoni finanzjarja massima għal Malta naqset minn EUR 316 403 497¹ għal EUR 258 275 901², ma għadux possibbli li jiġu ffinanzjati l-miżuri kollha tal-RRP Malti oriġinali. Malta spjegat li jenħtieġ li ċerti miżuri jitneħħew minħabba t-tnaqqis fl-allokazzjoni.
- (8) L-RRP modifikat ma għadux jinkludi ċerti miżuri fl-ambitu tal-Komponent 2 (Niddekarbonizzaw it-trasport) u tal-Komponent 5 (It-titjib ta' edukazzjoni ta' kwalità u t-trawwim tas-sostenibbiltà soċjoekonomika). Dan jikkonċerna l-miżura C2-I1 (investment: Post ġdid għall-iżbark tal-laneċ għall-promozzjoni ta' mezzi alternattivi ta' trasport f'Buġibba, San Pawl il-Baħar) biex jinbena post ġdid għall-iżbark tal-laneċ f'Buġibba, San Pawl il-Baħar, u l-miżura C5-I1 (It-twaqqif ta' Ċentru għall-Eċċellenza fl-Edukazzjoni Vokazzjonali (il-Kampus tal-ITS)) biex jitnieda Ċentru għall-Eċċellenza fl-Edukazzjoni Vokazzjonali billi jinbena kampus ġdid tal-Istitut tal-Istudji dwar it-Turiżmu (Institute of Tourism Studies, ITS) li jinkludi fakultà, faċilitajiet ta' Prattika u l-infrastruttura kollha ta' appoġġ. Għaldaqstant, jenħtieġ li d-deskrizzjoni ta' dawn il-miżuri u tal-istadji importanti u l-miri assoċjati tagħhom jitneħħew mid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-5 ta' Ottubru 2021.

¹ Dan l-ammont jikkorrispondi għall-allokazzjoni finanzjarja wara t-tnaqqis tas-sehem proporzjonali ta' Malta tal-ispejjeż imsemmija fl-Artikolu 6(2) tar-Regolament (UE) 2021/241, ikkalkulata f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Artikolu 11 ta' dak ir-Regolament.

² Dan l-ammont jikkorrispondi għall-allokazzjoni finanzjarja wara t-tnaqqis tas-sehem proporzjonali ta' Malta tal-ispejjeż imsemmija fl-Artikolu 6(2) tar-Regolament (UE) 2021/241, ikkalkulata f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Artikolu 11 ta' dak ir-Regolament.

- (9) Barra minn hekk, l-RRP modifikat ippreżentat minn Malta jibdel il-miżuri fl-ambitu tal-Komponent 1 (L-indirizzar tan-newtralità klimatika permezz ta' titjib fl-effiċjenza enerġetika, l-enerġija nadifa u l-ekonomija ċirkolari) u l-Komponent 4 (Is-saħħa) biex jirrifletti l-kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata. B'mod partikolari, dan ibiddel l-istadju importanti 1.20 u l-mira 1.21 tal-miżura C1-I2 (investment: Investment fir-rinnovazzjoni u l-modifika radikali tal-isptarijiet pubbliċi) fl-ambitu tal-Komponent 1 (L-indirizzar tan-newtralità klimatika permezz ta' titjib fl-effiċjenza enerġetika, l-enerġija nadifa u l-ekonomija ċirkolari) biex jitnaqqas il-livell ta' implimentazzjoni meħtieġ u biex tiġi estiża l-iskeda ta' żmien meta mqabbla mal-pjan oriġinali, u jitneħħew l-istadji importanti 4.15 u 4.16 tal-miżura C4-I2 (investment: It-tisħiħ tar-reżiljenza tas-sistema tas-saħħa permezz tad-diġitalizzazzjoni u t-teknoloġiji l-ġodda) fl-ambitu tal-Komponent 4 (Is-saħħa) biex jirrifletti t-tnaqqis fl-allokazzjoni.

Emendi bbażati fuq l-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2021/241

- (10) L-emendi tal-RRP ippreżentati minn Malta minħabba ċirkostanzi oġġettivi jikkonċernaw żewġ miżuri.

- (11) Malta spjegat li żewġ miżuri ma għadhomx jistgħu jinkisbu bis-siġġ fl-iskeda ta' żmien indikata fl-RRP oriġinali. Fir-rigward tal-istadju importanti 1.18 tal-miżura C1 I1 (investment: Investment fir-rinnovazzjoni u t-tħaddir tal-bini tas-settur pubbliku u privat, inkluż modifika retroattiva profonda permezz ta' miżuri ta' effiċjenza fl-enerġija u fir-riżorsi) fl-ambitu tal-Komponent 1 (L-indirizzar tan-newtralità klimatika permezz ta' titjib fl-effiċjenza enerġetika, l-enerġija nadifa u l-ekonomija ċirkolari) dan huwa minħabba l-falliment tal-ewwel proċedura ta' akkwist, li rriżulta fil-ħtieġa li jiġu modifikati l-kundizzjonijiet tas-sejħa u li titnieda proċedura ġdida. Il-mira 2.17 tal-miżura C2-I2 (investment: It-tisħiħ tal-adozzjoni tal-vetturi elettriċi fis-settur privat) fl-ambitu tal-Komponent 2 (Niddekarbonizzaw it-trasport) ma għadhiex tista' tinkiseb bis-siġġ fl-iskeda ta' żmien indikata fl-RRP oriġinali minħabba li l-adozzjoni tal-vetturi elettriċi fis-settur privat esperjenzat dewmien prinċipalment minħabba kwistjonijiet tal-ktajjen tal-provvista, inkluż id-disponibbiltà tal-vetturi elettriċi u d-dewmien fl-iskedi ta' żmien tal-konsenja. Fuq il-bażi ta' dan, Malta talbet li l-iskeda ta' żmien għall-implimentazzjoni tal-istadju importanti u l-mira msemmija hawn fuq tiġi estiża, li tiġi introdotta mira intermedja 2.16a rigward il-miżura C2-I2 fl-ambitu tal-Komponent 2 (Niddekarbonizzaw it-trasport) u li l-linja bażi tal-mira 2.17 tiġi emendata skont dan. Jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-5 ta' Ottubru 2021 tiġi emendata skont dan.
- (12) Il-Kummissjoni tqis li r-raġunijiet imressqa minn Malta jiġġustifikaw l-aġġornament skont l-Artikolu 18(2) tar-Regolament (UE) 2021/241 u l-emenda skont l-Artikolu 21(2) ta' dak ir-Regolament.

Korrezzjonijiet ta' żbalji klerikali

- (13) Ġew identifikati 31 żball klerikali fit-test tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-5 ta' Ottubru 2021, li jaffettwaw disa' stadji importanti/miri u 22 miżura. Jenħtiegħ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-5 ta' Ottubru 2021 tiġi emendata biex tikkoreġi dawn l-iżbalji klerikali li ma jirriflettux il-kontenut tal-RRP ippreżentat lill-Kummissjoni fit-13 ta' Lulju 2021, kif miftiehem bejn il-Kummissjoni u Malta. Dawn l-iżbalji klerikali huma relatati mal-miżura C1.R1 (Żvilupp ta' strateġija ta' rinnovazzjoni fit-tul), il-miżura C1.R2 (It-trawwim ta' ġestjoni effettiva tal-iskart permezz ta' qafas ta' governanza tal-iskart robust inkluża r-riforma tas-sistema tal-ġbir tal-iskart) inkluż l-istadju importanti 1.12, il-miżura C1-I1 (Investiment fir-rinnovazzjoni u t-tħaddir tal-bini tas-settur pubbliku u privat), inkluż l-istadju importanti 1.14, il-miżura C1-I2 (Investiment fir-rinnovazzjoni u l-modifika radikali tal-isptarijiet pubbliċi) inkluż l-istadju importanti 1.20, il-miżura C1-I3 (Investiment fir-rinnovazzjoni, modifika retroattiva u enerġija rinnovabbli fl-iskejjel pubbliċi), u l-miżura C1-I5 (Investimenti fl-enerġija rinnovabbli fit-toroq u fl-ispazji pubbliċi) fl-ambitu tal-Komponent 1 (L-indirizzar tan-newtralità klimatika permezz ta' titjib fl-effiċjenza enerġetika, l-enerġija nadifa u l-ekonomija ċirkolari); il-miżura C2-R2 (Il-promozzjoni ta' aktar użu tat-trasport kollettiv pubbliku bit-triq), il-miżura C2-R5 (Il-promozzjoni tat-telexogħol fis-servizz pubbliku), il-miżura C2-R6 (Ġestjoni mtejbja tal-mobilità fis-servizz pubbliku), u l-miżura C2-I3 (Id-dekarbonizzazzjoni tal-flotta tas-servizz pubbliku) inkluża l-mira 2.19, fl-ambitu tal-Komponent 2 (Niddekarbonizzaw it-trasport);

il-miżura C3-R1 (Approfondiment tat-trasformazzjoni diġitali permezz ta' riforma tal-politika, b'enfasi fuq it-tnaqqis tad-distakk diġitali u l-promozzjoni tal-ħiliet diġitali), il-miżura C3-I1 (It-tiħiħ tar-reżiljenza, is-sigurtà u l-effiċjenza tal-qafas diġitali tal-gvern u l-investment f'soluzzjonijiet, apparati u għodod diġitali xierqa), il-miżura C3-I2 (Id-diġitalizzazzjoni tad-Direttorat tal-Bastimenti Merkantili fi ħdan Transport Malta), il-miżura C3-I3 (Aktar diġitalizzazzjoni u modernizzazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika) u l-miżura C3-I4 (L-introduzzjoni ta' miżuri biex tiġi intensifikata d-diġitalizzazzjoni tas-settur privat) fl-ambitu tal-Komponent 3 (Diġitalizzazzjoni); il-miżura C4-R1 (L-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' qafas ta' politika tas-saħħa mmirat biex jagħmel is-sistema tas-saħħa aktar sostenibbli u reżiljenti, b'enfasi partikolari fuq il-prevenzjoni tas-saħħa u forza tax-xogħol b'saħħitha) fl-ambitu tal-Komponent 4 (Is-saħħa); il-miżura C5-R1 (Jissaħħu l-miżuri ta' prevenzjoni tat-tluq bikri mill-iskola, b'enfasi fuq l-akkwist tal-ħiliet), il-miżura C5-R2 (It-tiħiħ tal-iżvilupp u r-rikonnoxximent tal-ħiliet, b'enfasi partikolari fuq l-adulti b'livell baxx ta' ħiliet), u l-miżura C5-R4 (L-implimentazzjoni ta' sistema effettiva ta' monitoraġġ tal-politika tal-edukazzjoni) fl-ambitu tal-Komponent 5 (It-titjib tal-edukazzjoni ta' kwalità u t-trawwim tas-sostenibbiltà soċjoekonomika); il-mira 6.7 u l-istadju importanti 6.9 tal-miżura C6-R2 (Dħul fis-seħħ ta' bidliet leġiżlattivi meqjusa meħtieġa mir-rieżami indipendenti dwar it-trasferiment ta' kawżi sommarji mill-Pulizija lill-Uffiċċju tal-AĠ), il-mira 6.12 tal-miżura C6-R3 (It-tiħiħ tal-kapaċità tal-qafas istituzzjonali għall-ġlieda kontra l-korruzzjoni; Implimentazzjoni tal-Istrateġija Nazzjonali Kontra l-Frodi u l-Korruzzjoni (NAFCS)), il-miżura C6-R8 (It-tiħiħ tal-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus/tal-ġlieda kontra l-finanzjament tat-terroriżmu/tas-sanzjonijiet finanzjarji mmirati (AML/CFT/TFS) ta' Malta), il-miżura C6-R10 (Leġiżlazzjoni Speċifika dwar l-Ipprezzar tat-Trasferimenti), u l-miżura C6-I1 (Diġitalizzazzjoni fis-sistema ġudizzjarja) inkluż l-istadju importanti 6.38 fl-ambitu tal-Komponent 6 (Tiħiħ tal-qafas istituzzjonali). Dawn il-korrezzjonijiet ma jaffettwawx l-implimentazzjoni tal-miżuri kkonċernati.

- (14) Il-Kapitolu tar-REPowerEU jinkludi riforma ġdida u investiment ġdid. Ir-riforma għandha l-għan li taċċellera l-proċeduri tal-ġħoti tal-permessi għal proġetti tal-enerġija rinnovabbli u tintroduċi l-obbligu li jiġu installati pannelli solari fuq il-bjut f'ċerti binjiet ġodda, u b'hekk jinħolqu kundizzjonijiet biex jiżdied is-sehem tal-enerġija rinnovabbli fit-taħlita enerġetika ta' Malta. L-investiment għandu l-għan li jsaħħaħ u jwessa' n-network tad-distribuzzjoni tal-elettriku permezz ta' investimenti fil-grilja, fis-servizzi ta' distribuzzjoni u fil-ħżin tal-batteriji. L-investiment huwa mistenni li jindirizza r-restrizzjonijiet fid-distribuzzjoni interna tat-trażmissjoni tal-elettriku u jiffaċilita l-integrazzjoni tal-enerġija rinnovabbli. Flimkien ma' miżuri oħra tal-politika tal-enerġija f'Malta, bħas-sussidji tal-enerġija, il-kapitolu tar-REPowerEU jikkontribwixxi għall-indirizzar tal-faqar enerġetiku billi jnaqqas id-dipendenza fuq il-fjuwils fossili importati billi jappoġġa sorsi tal-enerġija indiġeni u jsaħħaħ l-infrastruttura tal-enerġija.
- (15) Il-Kummissjoni vvalutat l-RRP modifikat inkluż il-kapitolu tar-REPowerEU skont il-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241.

Rispons ibbilanċjat li jikkontribwixxi għas-sitt pilastri

- (16) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (a), u l-kriterju 2.1 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP modifikat inkluż il-kapitolu tar-REPowerEU jirrappreżenta fil-biċċa l-kbira (klassifikazzjoni A) rispons komprensiv u bbilanċjat b'mod adegwat għas-sitwazzjoni ekonomika u soċjali, u b'hekk jikkontribwixxi b'mod xieraq għas-sitt pilastri kollha msemmija fl-Artikolu 3 ta' dak ir-Regolament, filwaqt li jqis l-isfidi speċifiċi għall-Istat Membru kkonċernat u l-allokazzjoni finanzjarja għalih.

- (17) L-RRP inizjali ppreżenta rispons komprensiv u bbilanċjat b'mod adegwat għas-sitwazzjoni ekonomika u soċjali, u b'hekk ikkontribwixxa għas-sitt pilastru kollha msemmija fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2021/241, filwaqt li qies l-isfidi speċifiċi u l-allokazzjoni finanzjarja ta' Malta.
- (18) Il-Kummissjoni tqis li l-modifika tal-RRP flimkien mal-kapitolu tar-REPowerEU tħalli impatt biss fuq il-valutazzjoni tal-kontribut tal-RRP għall-ewwel pilastru dwar it-tranżizzjoni ekoloġika. Għall-pilastru l-oħra, in-natura u l-firxa tal-modifiki proposti għall-RRP ma għandhomx impatt fuq il-valutazzjoni preċedenti tal-RRP billi jirrappreżentaw fil-biċċa l-kbira rispons komprensiv u bbilanċjat b'mod adegwat għas-sitwazzjoni ekonomika u soċjali, u lanqas fuq il-kontribut xieraq tiegħu għas-sitt pilastru kollha msemmija fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2021/241. Fir-rigward tal-pilastru tat-tranżizzjoni ekoloġika, l-RRP modifikat ta' Malta flimkien mal-kapitolu tar-REPowerEU jindirizzaw l-isfidi ekoloġiċi, b'mod partikolari fl-ambitu tal-Komponent 1 (L-indirizzar tan-newtralità klimatika permezz ta' titjib fl-effiċjenza enerġetika, l-enerġija nadifa u l-ekonomija ċirkolari), il-Komponent 2 (Niddekarbonizzaw it-trasport) u l-Komponent 7 li għadu kif inżied (il-kapitolu tar-REPowerEU).
- (19) Il-miżuri fil-kapitolu tar-REPowerEU jikkontribwixxu għall-ilħiq tal-mira klimatika għall-2030 u tal-oġettiv tan-newtralità klimatika tal-Unjoni sal-2050 billi għandhom l-għan li jinċentivaw l-użu tal-enerġija rinnovabbli. B'mod aktar preċiż, fl-ambitu tal-Komponent 7 Malta ppjanat miżuri li se jiffaċilitaw is-simplifikazzjoni tal-permessi għall-proġetti rinnovabbli, jintroduċu obbligi solari fuq il-bjut għal ċerti binjiet ġodda, jaġġornaw u jespandu n-network tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni tal-elettriku u jinstallaw kapaċità ċentralizzata tal-ħżin tal-enerġija.

L-indirizzar tal-isfidi kollha, jew subsett sinifikanti minnhom, identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż

- (20) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (b), u mal-kriterju 2.2 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP modifikat inkluż il-kapitolu tar-REPowerEU huwa mistenni li jikkontribwixxi biex jiġu indirizzati b'mod effettiv l-isfidi kollha jew subsett sinifikanti minnhom (klassifikazzjoni A) identifikati fir-rakkomandazzjonijiet rilevanti speċifiċi għall-pajjiż indirizzati lil Malta, inklużi l-aspetti fiskali tagħhom, jew l-isfidi identifikati f'dokumenti rilevanti oħra adottati uffiċjalment mill-Kummissjoni fil-kuntest tas-Semestru Ewropew fl-2022 u fl-2023. B'mod partikolari, l-RRP modifikat iqis ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż relatati mal-enerġija tal-2022 u tal-2023.
- (21) L-RRP inizjali inkluda sett estensiv ta' riformi u investimenti li jsaħħu lil xulxin b'mod reċiproku li kkontribwew biex jindirizzaw b'mod effettiv l-isfidi ekonomiċi u soċjali kollha jew subsett sinifikanti minnhom deskritti fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż indirizzati lil Malta mill-Kunsill fis-Semestru Ewropew fl-2019 u fl-2020.

- (22) L-RRP modifikat jinkludi sett estensiv ta' riformi u investimenti li jsaħħu lil xulxin b'mod reċiproku li jikkontribwixxu biex jindirizzaw b'mod effettiv l-isfidi ekonomiċi u soċjali kollha jew subsett sinifikanti minnhom deskritti fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż indirizzati lil Malta mill-Kunsill fil-kuntest tas-Semestru Ewropew fl-2022, b'mod partikolari l-ħtieġa li titnaqqas id-dipendenza ġenerali fuq il-fjuwils fossili billi jiġi aċċellerat l-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli, jiġu promossi u abilitati investimenti fl-enerġija mir-riħ u mix-xemx, inkluż f'impjanti tal-enerġija galleġġjanti lil hinn mill-kosta, ikomplu jittejjbu n-networks tat-trażmissjoni u d-distribuzzjoni tal-elettriku ta' Malta, u jinħolqu inċentivi għall-ħżin tal-elettriku biex tiġi pprovduta enerġija affidabbli, flessibbli u li tirrispondi malajr; il-ħtieġa li tnaqqas id-domanda għall-enerġija permezz ta' effiċjenza enerġetika mtejjba, b'mod partikolari fil-bini residenzjali, u tnaqqas l-emissjonijiet mit-trasport bit-triq billi tiġi indirizzata l-konġestjoni tat-traffiku permezz ta' titjib fil-kwalità tas-servizz tat-trasport pubbliku, sistemi ta' trasport intelliġenti u investiment f'infrastruttura ta' mobbiltà ratba (ir-rakkomandazzjoni 4 tal-2022). L-RRP rivedut ma jinkludix miżuri ġodda biex tiġi indirizzata r-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż tal-2022 dwar l-ippjanar aggressiv tat-taxxa.
- (23) Minkejja t-talba ta' Malta biex jitnaqqas l-investiment fir-rinnovazzjoni effiċjenti fl-użu tal-enerġija tal-isptar Monte Carmeli (C1-I1) biex jitqies it-tnaqqis fl-allokazzjoni finanzjarja, l-RRP modifikat jinkludi għadd ta' investimenti li jindirizzaw ir-rinnovazzjoni u l-modifika retroattiva tal-bini tas-settur pubbliku u privat li jikkontribwixxu għat-tnaqqis tad-domanda għall-enerġija permezz ta' titjib fl-effiċjenza enerġetika (ir-rakkomandazzjoni 4 tal-2022). L-RRP jinkludi wkoll miżuri ta' riforma importanti li jtejjbu l-ġestjoni tas-settur tal-kostruzzjoni u jippromwovu t-titjib tal-ħiliet ta' diversi segmenti tal-ekosistema tal-kostruzzjoni.

- (24) Filwaqt li Malta talbet li l-investment fil-post għall-iżbark tal-laneċ (C2-I1) jitneħħa fid-dawl tat-tnaqqis fil-kontribuzzjoni finanzjarja massima għal Malta, l-RRP modifikat xorta jinkludi għadd ta' investimenti u riformi fit-trasport sostenibbli li jikkontribwixxu għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tat-traffiku fit-toroq billi jnaqqsu l-konġestjoni tat-traffiku (ir-rakkomandazzjoni 4 tal-2022). Ir-riformi li fadal huma mistennija li jtejbju l-ippjanar tat-trasport u jinkoraġġixxu l-użu tat-trasport pubbliku, jinkoraġġixxu x-xogħol mill-bogħod fis-settur pubbliku u jżidu l-effiċjenza tal-ġestjoni tal-flotta tas-settur pubbliku. Barra minn hekk, l-investimenti li fadal se jinċentivaw ix-xiri ta' vetturi elettriċi b'emissjonijiet żero fis-settur privat u jiffinanzjaw l-akkwiżizzjoni ta' vetturi elettriċi biex jissostitwixxu l-vetturi b'magna ta' kombustjoni interna fil-flotta tas-servizz pubbliku u l-akkwiżizzjoni ta' karożżi tal-linja b'emissjonijiet żero għat-trasport pubbliku.

- (25) Il-miżuri l-ġodda fl-ambitu tal-kapitolu tar-REPowerEU għandhom l-għan li jnaqqsu d-dipendenza ġenerali fuq il-fjuwils fossili billi jaċċelleraw l-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli, jippromwovu u jippermettu investimenti fl-enerġija mir-riħ u mix-xemx, ikomplu jtejbu n-network tat-trażmissjoni u d-distribuzzjoni tal-elettriku ta' Malta, u joħolqu inċentivi għall-ħżin tal-elettriku għall-forniment ta' enerġija affidabbli, flessibbli u li tirrispondi malajr (ir-rakkomandazzjoni 4 tal-2022). Ir-riforma tas-sistema eżistenti tal-permessi għandha l-għan li taċċellera l-proċeduri tal-ġħoti tal-permessi għall-proġetti tal-enerġija rinnovabbli. B'mod partikolari, ir-riforma tinvolve r-rieżami tal-qafas tal-permessi u d-dħul fis-seħħ ta' bidliet leġiżlattivi li jobbligaw l-installazzjoni ta' pannelli solari fuq il-bjut f'binjiet residenzjali u mhux residenzjali ġodda li jilħqu l-ġħoli massimu tagħhom, li jimmodifikaw il-proċessi eżistenti għall-ġħoti ta' permessi, inklużi proċeduri ta' applikazzjoni u ġħoti ta' permessi, permezz tal-adozzjoni u l-pubblikazzjoni ta' skedi ta' żmien imħaffa ta' proċeduri għall-ġħoti ta' permessi għal proġetti rinnovabbli, inkluż dwar is-serer. Din ir-riforma hija mistennija żżid is-sehem tal-enerġija rinnovabbli fit-taħlita enerġetika ta' Malta. L-investiment fin-network tal-elettriku għandu l-għan li jsaħħaħ u jwessa' l-grilja tal-elettriku, is-servizzi ta' distribuzzjoni u l-ħżin tal-batteriji. L-investiment huwa mistenni jindirizza r-restrizzjonijiet fid-distribuzzjoni interna tat-trażmissjoni tal-elettriku, jaċċellera l-integrazzjoni tal-enerġija rinnovabbli kif ukoll jgħin fid-dekarbonizzazzjoni tal-bini u tat-trasport billi jipprovdi infrastruttura tal-enerġija adattata għall-adozzjoni tal-enerġija rinnovabbli.

La tagħmilx ħsara sinifikanti

- (26) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (d), u mal-kriterju 2.4 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP modifikat inkluż il-kapitolu tar-REPowerEU huwa mistenni jiżgura li l-ebda miżura għall-implimentazzjoni ta' riformi u proġetti ta' investiment inklużi fl-RRP ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-oġġettivi ambjentali (klassifikazzjoni A) fis-sens tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ (il-prinċipju “la tagħmilx ħsara sinifikanti”).
- (27) Fir-rigward tal-miżuri l-ġodda tar-REPowerEU fl-RRP modifikat, ir-riforma li tippermetti l-proġetti rinnovabbli eżistenti tiżgura li, minkejja proċeduri simplifikati u aċċellerati, l-awtorizzazzjonijiet rilevanti li jirrikjedu valutazzjonijiet tal-impatt ambjentali, valutazzjonijiet xierqa u valutazzjonijiet ambjentali strateġiċi jitwettqu, f'konformità mal-leġislazzjoni nazzjonali rilevanti. Barra minn hekk, Malta wiegħdet li l-konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati tiġi kkunsidrata meta l-proċessi ambjentali u tal-ippjanar rilevanti jirrikjedu dan. L-investiment fit-tisħiħ u t-twessigħ tan-network tad-distribuzzjoni u tat-trażmissjoni tal-elettriku, tas-servizzi ta' distribuzzjoni u tal-ħżin tal-batteriji mhuwiex mistenni li jwassal għal emissjonijiet sinifikanti ta' gassijiet serra.

¹ Ir-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2020 dwar l-istabbiliment ta' qafas biex jiġi ffaċilitat l-investiment sostenibbli, u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2088 (ĠU L 198, 22.6.2020, p. 13).

Kontribut għall-oġġettivi tar-REPowerEU

- (28) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (da), u mal-kriterju 2.12 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, il-kapitolu tar-REPowerEU huwa mistenni jikkontribwixxi b'mod effettiv fil-biċċa l-kbira (klassifikazzjoni A) għas-sigurtà tal-enerġija, għad-diversifikazzjoni tal-provvista tal-enerġija tal-Unjoni, għal żieda fl-użu tal-enerġija rinnovabbli u fl-effiċjenza enerġetika, għal żieda fil-kapaċitajiet tal-ħżin tal-enerġija jew għat-tnaqqis meħtieġ tad-dipendenza fuq il-fjuwils fossili qabel l-2030.
- (29) Ir-riforma tas-sistemi eżistenti tal-ġhoti tal-permessi għandha l-għan li taċċellera l-proċeduri tal-ġhoti tal-permessi għal proġetti tal-enerġija rinnovabbli u tintroduċi l-obbligu li jiġu installati pannelli solari fuq il-bjut f'ċerti binjiet ġodda. Din ir-riforma hija mistennija żżid is-sehem tas-sorsi rinnovabbli fit-taħlita enerġetika ta' Malta, u b'hekk tikkontribwixxi għall-oġġettivi tar-REPowerEU li jiġi aċċellerat l-użu tal-enerġija rinnovabbli, f'konformità mal-Artikolu 21c(3), il-punt (b), tar-Regolament (UE) 2021/241. B'mod partikolari, ir-riforma tinvolvi r-rieżami tal-qafas tal-permessi, kif ukoll: (a) bidliet leġiżlattivi li jobbligaw l-installazzjoni ta' pannelli solari fuq il-bjut f'binjiet residenzjali u mhux residenzjali ġodda li jilhqgħu l-għoli massimu tagħhom, (b) id-dħul fis-seħħ u l-pubblikazzjoni online ta' skedi ta' żmien imqassra għall-proċeduri tal-applikazzjoni u tal-ġhoti tal-permessi ta' installazzjonijiet tal-enerġija rinnovabbli fuq is-serer, u (c) id-dħul fis-seħħ u l-pubblikazzjoni online ta' skedi ta' żmien imqassra għall-proċeduri ta' applikazzjoni u tal-ġhoti tal-permessi għal proġetti tal-enerġija rinnovabbli.

- (30) L-investment fil-grilja tal-elettriku għandu l-għan li jsaħħaħ u jwessa' n-network tad-distribuzzjoni tal-elettriku, jaġġorna s-servizzi ta' distribuzzjoni u jinstalla l-ħżin ċentralizzat tal-batteriji. Dan l-investment jikkontribwixxi għall-oġettiv tar-REPowerEU li jiġu indirizzati r-restrizzjonijiet interni għad-distribuzzjoni tal-elettriku u li tiġi aċċellerata l-integrazzjoni tal-enerġija rinnovabbli, f'konformità mal-Artikolu 21c(3), il-punt (e), tar-Regolament (UE) 2021/241. L-investment fl-infrastruttura tal-enerġija se jkun ta' benefiċċju għall-produtturi tal-enerġija rinnovabbli, inklużi l-produtturi-konsumaturi individwali li jeħtieġ li jikkollegaw il-faċilitajiet tagħhom mal-grilja, kif ukoll promoturi futuri ta' proġetti tal-enerġija rinnovabbli fuq skala kbira, kif ukoll utenti ta' vetturi elettriċi.
- (31) L-investimenti fl-ambitu tal-kapitolu tar-REPowerEU huma konsistenti ma' sforzi oħra ta' Malta, speċjalment mal-investimenti nazzjonali tagħha fil-grilja tal-elettriku u l-investimenti ffinanzjati mill-istrumenti tal-Politika ta' Koeżjoni tal-Unjoni fit-tieni interkonnettur ta' vultaġġ għoli ma' Sqallija u l-ħżin tal-enerġija. L-investimenti fil-grilja huma f'sinerġija ma' miżuri fil-Komponenti 1 u 2 tal-RRP ta' Malta, billi d-dekarbonizzazzjoni tal-bini u tat-trasport jirrikjedi grilja tal-elettriku li hija aktar adattata għall-użu tal-enerġija rinnovabbli.
- (32) Il-fjuwils fossili għad għandhom rwol ewlieni fl-ekonomija ta' Malta, u dan jaġġmilha dipendenti ħafna fuq l-importazzjonijiet tal-enerġija u espota għall-iżviluppi fil-prezzijiet globali. Fl-2021, il-fjuwils fossili kienu jikkonsistu fil-biċċa l-kbira tal-ġenerazzjoni tal-elettriku ta' Malta, filwaqt li s-sorsi ta' enerġija rinnovabbli ammontaw għal 11,9 % biss. Malta għandha potenzjal imdaqqas għall-enerġija rinnovabbli, li mhuwiex użat biżżejjed. Għaldaqstant, ir-riformi ta' Malta tas-sistema ta' permessi għall-proġetti tal-enerġija rinnovabbli, inklużi fil-kapitolu tar-REPowerEU, huma, fil-biċċa l-kbira, mistennija jisfruttaw dan il-potenzjal billi jneħħu l-ostakli amministrattivi u jipprovdu inċentivi pożittivi.

- (33) Il-kapaċità u l-flessibbiltà tal-grilja tal-elettriku huma ostaklu għall-integrazzjoni tas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli u għaż-żieda fl-effiċjenza, l-affidabbiltà u s-sigurtà tal-provvista tal-enerġija. Għaldaqstant, l-investiment fil-modernizzazzjoni tal-grilja u fil-ħżin tal-elettriku mill-kapitolu tar-REPowerEU ta' Malta huwa mistenni, fil-biċċa l-kbira, jagħmel il-grilja aktar adattata għall-integrazzjoni tas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli u għall-provvista ta' enerġija affidabbli, flessibbli u li tirrispondi malajr.

Miżuri li għandhom dimensjoni jew effett transfruntier jew multinazzjonali

- (34) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (db), u mal-kriterju 2.13 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, il-miżuri inklużi fil-kapitolu tar-REPowerEU huma mistennija li fil-biċċa l-kbira (klassifikazzjoni A) ikollhom dimensjoni jew effett transfruntier jew multinazzjonali.
- (35) Il-pożizzjoni ġeografika ta' Malta bħala Stat Membru gżira, il-baġit limitat fl-ambitu tal-kapitolu tar-REPowerEU u l-isfidi tal-implimentazzjoni u tal-governanza li jirriżultaw mill-perjodi ta' żmien qosra skont l-RRP ma jwasslux għal investimenti transfruntiera, li normalment ikunu fuq skala kbira u normalment ikunu ffaċilitati minn konnessjonijiet mal-fruntieri fuq l-art. Madankollu, l-investiment fl-ambitu tal-kapitolu tar-REPowerEU jagħmel il-grilja tal-elettriku aktar b'saħħitha u aktar xierqa għall-adozzjoni ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli, inkluża linja alimentatriċi għat-tieni interkonnettur tal-elettriku mal-Italja. Dan għandu effett transfruntier billi jtejjeb l-effiċjenza tat-trażmissjoni tal-enerġija u jsaħħaħ l-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli ġġenerati lokalment. Għaldaqstant, l-investiment jgħin biex titnaqqas id-domanda aggregata għall-enerġija tal-UE, u b'hekk jikkontribwixxi għas-sigurtà tal-provvista tal-enerġija tal-Unjoni.

- (36) Il-kostijiet totali tal-investiment tal-grilja jammontaw għal EUR 69,9 miljun jew 100 % tal-kostijiet stmati tal-kapitolu tar-REPowerEU.
- (37) Barra minn hekk, il-Programm ta' Malta tal-FEŻR/FK/JTF 2021–2027 diġà jinkludi inizjattivi transfruntiera fuq skala kbira relatati mal-oġettivi tar-REPowerEU, inkluż l-istabbiliment tat-tieni interkonnettur tal-elettriku u faċilitajiet għall-ħżin tal-batteriji. L-iżvilupp tat-tieni interkonnettur se jwassal għal kooperazzjoni tranżnazzjonali mal-Italja.

Kontribut għat-tranżizzjoni ekoloġika inkluża l-bijodiversità

- (38) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (e), u mal-kriterju 2.5 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP modifikat inkluż il-kapitolu tar-REPowerEU fih miżuri li jikkontribwixxu fil-bieċa l-kbira (klassifikazzjoni A) għat-tranżizzjoni ekoloġika, inkluża l-bijodiversità, jew biex jiġu indirizzati l-isfidi li jirriżultaw minnha. Il-miżuri li jappoġġaw l-oġettivi klimatiċi jammontaw għal ammont li jirrappreżenta 68,8 % tal-allokazzjoni totali u 100 % tal-kostijiet totali stmati tal-miżuri fil-kapitolu tar-REPowerEU, ikkalkulat f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Anness VI tar-Regolament (UE) 2021/241. F'konformità mal-Artikolu 17 ta' dak ir-Regolament, l-RRP modifikat inkluż il-kapitolu tar-REPowerEU huwa konsistenti mal-informazzjoni inkluża fil-Pjan Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima 2021-2030.

- (39) Minbarra l-miżuri fit-tranżizzjoni ekoloġika, fin-newtralità klimatika u fid-dekarbonizzazzjoni tal-komponenti tat-trasport inklużi fl-RRP oriġinali Malti, l-RRP modifikat jinkludi miżuri li jindirizzaw il-ħtieġa li titħaffef il-ġenerazzjoni tal-enerġija rinnovabbli f'Malta u titnaqqas id-dipendenza ta' Malta fuq il-fjuwils fossili importati.
- (40) Dawn il-miżuri se jkollhom impatt dejjiemi billi: (a) isaħħu t-tnejn infrastrutturali ta' Malta biex tipprovdi għal żieda fil-produzzjoni u fid-distribuzzjoni tal-enerġija, inklużi s-sorsi rinnovabbli, filwaqt li jippermettu wkoll ħżin aħjar tal-enerġija, u (b) jintroduċu bidliet strutturali fil-politika tal-enerġija li se jnaqqsu r-restrizzjonijiet eżistenti fil-proċeduri tal-għoti tal-permessi għal proġetti tal-enerġija rinnovabbli, filwaqt li jinfurzaw l-installazzjoni ta' pannelli solari fuq il-bjut f'ċerti binjiet ġodda li jilhqgħu l-għoli massimu tagħhom, fi sforz biex jiżdied is-sehem ta' Malta fil-produzzjoni tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli. Il-miżuri ma fihomx klawżoli ta' estinzjoni u mhumx limitati biż-żmien.
- (41) Filwaqt li tneħħew xi miżuri biex tiġi riflessa l-kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata ppubblikata fit-30 ta' Ġunju 2022, f'konformità mal-Artikolu 18(2) tar-Regolament (UE) 2021/241, it-tneħħija ma għandhiex impatt sinifikanti fuq it-tranżizzjoni ekoloġika. Il-modifiki f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2021/241 huma limitati fl-għadd u prinċipalment jirriflettu d-dewmien fl-ikkompletar ta' xi stadji importanti u miri. B'riżultat ta' dan, tali modifiki mhumx mistennija jkollhom xi effett fuq l-impatti pożittivi dejjiema tal-RRP Malti.

- (42) Minħabba t-tnaqqis fil-kontribuzzjoni finanzjarja massima tal-RRP ta' Malta u l-inklużjoni ta' miżuri ġodda li jinċentivaw it-tranżizzjoni ekoloġika, il-kontribuzzjoni klimatika tal-RRP żdiedet minn 53,8 % għal 68,8 %.

Kontribut għat-tranżizzjoni diġitali

- (43) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (f), u mal-kriterju 2.6 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP modifikat fih miżuri li jikkontribwixxu fil-biċċa l-kbira (klassifikazzjoni A) għat-tranżizzjoni diġitali jew għall-indirizzar tal-isfidi li jirriżultaw minnha. Il-miżuri li jappoġġaw l-oġettivi diġitali jammontaw għal ammont li jirrappreżenta 26,2 % tal-allokazzjoni totali tal-RRP ikkalkulata f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Anness VII tar-Regolament (UE) 2021/241.
- (44) Il-valutazzjoni pożittiva tal-kontribut għat-tranżizzjoni diġitali pprovduta fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-5 ta' Ottubru 2021 għadha valida. L-RRP modifikat jinvolti t-tneħħija ta' submiżura dwar id-diġitalizzazzjoni tal-faċilità tal-pazjenti ta' barra u l-proċessi ta' involviment tal-konsumaturi fl-isptar Mater Dei, fid-dawl tat-tnaqqis fl-allokazzjoni finanzjarja massima għal Malta skont l-Artikolu 18(2) tar-Regolament (UE) 2021/241. It-tneħħija ta' din is-submiżura hija ġġustifikata bit-tnaqqis fl-allokazzjoni finanzjarja u ma għandhiex impatt fuq il-kontribuzzjoni sostanzjali tal-RRP għat-tranżizzjoni diġitali jew għall-isfidi li jirriżultaw minnha. Il-miżuri l-oħra kollha rigward it-tranżizzjoni diġitali jibqgħu ma jinbidlux fl-RRP modifikat.

Monitoraġġ u implimentazzjoni

- (45) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (h), u mal-kriterju 2.8 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, l-arranġamenti proposti fl-RRP modifikat inkluż il-kapitolu tar-REPowerEU huma adegwati (klassifikazzjoni A) biex jiżguraw monitoraġġ u implimentazzjoni effettivi tal-RRP, inklużi l-iskeda ta' żmien, l-istadji importanti u l-miri previsti, u l-indikaturi relatati.
- (46) L-RRP inizjali ppropona arranġamenti adegwati biex jiġu żgurati monitoraġġ u implimentazzjoni effettivi tal-RRP, inklużi l-iskeda ta' żmien prevista, l-istadji importanti u l-miri, u l-indikaturi relatati.
- (47) In-natura u l-firxa tal-modifiki proposti għall-RRP ta' Malta ma għandhomx impatt fuq il-valutazzjoni preċedenti tal-monitoraġġ u l-implimentazzjoni effettivi tal-RRP. B'mod partikolari, l-istess struttura (jiġifieri, id-Diviżjoni tal-Ippjanar u tal-Koordinazzjoni tal-Prijoritajiet (Planning and Priorities Coordination Division, PPCD) fil-Ministeru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet) għandha l-kompitu li: (a) timplimenta l-RRP; (b) tagħmel monitoraġġ tal-progress lejn l-istadji importanti u l-miri; u (c) tirrapporta. Barra minn hekk, l-arranġamenti kumplessivi proposti minn Malta f'termini tal-organizzazzjoni (inkluża dispożizzjoni biex tkun żgurata allokazżjoni suffiċjenti tal-persunal) tal-implimentazzjoni tar-riformi u l-investimenti, huma kredibbli. L-istadji importanti u l-miri li jakkumpanjaw il-miżuri modifikati, inklużi dawk fil-kapitolu tar-REPowerEU, huma ċari u realistiċi u l-indikaturi proposti għal dawk l-istadji importanti u l-miri huma rilevanti, aċċettabbli u robusti.

Ikkostjar

- (48) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (i), u mal-kriterju 2.9 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, il-ġustifikazzjoni pprovduta fl-RRP modifikat inkluż il-kapitolu tar-REPowerEU dwar l-ammont tal-kostijiet totali stmati tal-RRP hija moderatament (klassifikazzjoni B) raġonevoli u plawżibbli, hija konformi mal-prinċipju tal-kosteffiċjenza u hija proporzjonata għall-impatt ekonomiku u soċjali nazzjonali mistenni.
- (49) Il-valutazzjoni oriġinali ddeterminat li Malta kienet ipprovdiet kostijiet stmati għal kull investiment inkluż fl-RRP. Il-ġustifikazzjoni mogħtija minn Malta dwar l-ammont tal-kostijiet totali stmati tal-RRP kienet moderatament raġonevoli, plawżibbli, konformi mal-prinċipju tal-kosteffiċjenza u proporzjonata għall-impatt ekonomiku u soċjali nazzjonali mistenni.

- (50) Malta pprovdiet kostijiet stmati individwali għall-miżuri l-ġodda kollha li jinvolvu kost fil-kapitolu tar-REPowerEU. L-informazzjoni dwar il-kostijiet ipprovduta minn Malta hija ġeneralment dettaljata u sostanzjata sew. Għal dawn il-miżuri, Malta pprovdiet dokumenti ta' sostenn biex tissostanzja l-istimi tal-kostijiet għalkemm f'għadd limitat ta' każijiet il-komparabbiltà ta' proġetti tal-passat ma' daww proposti fl-RRP ma setgħetx tiġi stabbilita bis-sħiħ, parzjalment minħabba n-novità tal-miżura. L-ammont tal-kostijiet stmati tal-miżuri inklużi fil-kapitolu tar-REPowerEU huwa konformi man-natura u mat-tip tar-riformi u l-investimenti previsti. Il-valutazzjoni tal-istimi tal-kostijiet u d-dokumenti ta' sostenn inerenti turi li l-maġġoranza tal-kostijiet tal-miżuri l-ġodda huma għustifikati sew, raġonevoli, plawżibbli u ma jinkludux il-kostijiet koperti mill-finanzjament eżistenti jew ippjanat tal-UE. Fir-rigward tal-miżuri modifikati, it-tnaqqis tal-kostijiet għal C1-I2 (Investiment fir-rinnovazzjoni u l-modifika radikali tal-isptarijiet pubbliċi) huwa proporzjonat għat-tnaqqis tal-erja tal-art rinnovata, u għal C4-I2 (It-tisħiħ tar-reżiljenza tas-sistema tas-saħħa permezz tad-diġitalizzazzjoni u t-teknoloġiji l-ġodda), it-tnaqqis tal-kostijiet jikkorrispondi għall-kostijiet ibbaġitjati tal-investiment imħassar għad-diġitalizzazzjoni tal-proċessi ta' ġestjoni tal-pazjenti ta' barra u tal-operazzjonijiet. Fl-aħħar nett, il-kost totali stmat tal-RRP huwa konformi mal-prinċipju tal-kosteffiċjenza u huwa proporzjonat għall-impatt ekonomiku u soċjali nazzjonali mistenni.

Koerenza tal-RRP

- (51) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (k), u mal-kriterju 2.11 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP modifikat inkluż il-kapitolu tar-REPowerEU jinkludi, sa livell għoli (klassifikazzjoni A), miżuri għall-implimentazzjoni ta' riformi u proġetti ta' investiment pubbliku li jirrappreżentaw azzjonijiet koerenti.
- (52) L-RRP inizjali tqies li jipprovdi taħlita bbilanċjata ta' investimenti u riformi, mifruxa fuq sitt komponenti, b'kull komponent magħmul minn riformi u investimenti li huma konsistenti u li jsaħħu lil xulxin b'mod reċiproku. Instabu wkoll sinerġiji importanti bejn il-komponenti differenti, u l-ebda miżura ma nstabet li tikkontradixxi jew timmina l-effettività ta' oħra. In-natura u l-firxa tal-modifiki proposti għall-RRP ta' Malta ma għandhomx impatt fuq il-valutazzjoni preċedenti tal-koerenza tal-RRP.
- (53) Filwaqt li l-RRP rivedut jipprovdi bidliet għal sitt miżuri fil-pjan oriġinali, il-valutazzjoni oriġinali dwar il-koerenza tal-RRP għadha rilevanti. Barra minn hekk, permezz tal-introduzzjoni tal-kapitolu tar-REPowerEU, Malta tintroduċi investiment u riforma li jikkomplementaw il-miżuri tal-enerġija inklużi fil-pjan oriġinali ta' Malta. Il-kapitolu tar-REPowerEU jagħmel enfasi akbar fuq l-enerġija rinnovabbli, li hija partikolarment importanti minħabba s-sehem relattivament baxx ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli fit-taħlita tal-enerġija ta' Malta. Il-miżuri fil-kapitolu tar-REPowerEU jsaħħu l-effetti ta' xulxin, bl-għan li jintlaħqu l-oġettivi ta' provvista tal-elettriku aktar nadifa u stabbli f'Malta. Il-modifiki ma għandhomx għanijiet kontradittorji jew effetti negattivi possibbli fuq xulxin.

Kwalunkwe kriterju ieħor ta' valutazzjoni

- (54) Il-Kummissjoni tqis li l-modifiki ppreżentati minn Malta ma jaffettwawx il-valutazzjoni pożittiva tal-RRP stabbilita fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-5 ta' Ottubru 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-RRP għal Malta rigward ir-rilevanza, l-effettività, l-effiċjenza u l-koerenza tal-RRP mal-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 19(3), il-punti (c), (g) u (j), tar-Regolament (UE) 2021/241.

Proċess ta' konsultazzjoni

- (55) Bi tħejjija għall-RRP modifikat, inkluż il-kapitolu tar-REPowerEU, l-awtoritajiet Maltin kellhom laqgħat mal-partijiet ikkonċernati bejn l-2022 u l-2023, organizzaw konsultazzjoni pubblika online formali f'April 2023 u qasmu l-abbozz tal-elementi tal-kapitolu tar-REPowerEU mal-Kunsill Malti għall-Iżvilupp Soċjali u Ekonomiku (Malta Council for Social and Economic Development, MCSED). Wara, l-awtoritajiet integraw il-feedback mill-proċess ta' konsultazzjoni fl-abbozz tal-kapitolu tar-REPowerEU, b'mod partikolari fir-rigward tal-ħtieġa li jsir investment biex l-infrastruttura tal-enerġija tkun tista' tiżgura l-iżvilupp u l-ekoloġizzazzjoni fit-tul, jiġu promossi s-sostenibbiltà u t-tkabbir tal-enerġija rinnovabbli ġġenerata lokalment u jiġu ssalvagwardjati l-aspetti ambjentali u soċjali fi proċess rapidu ta' għoti ta' permessi għal sorsi rinnovabbli. Sabiex tiġi żgurata s-sjieda mill-atturi rilevanti, huwa kruċjali li jiġu involuti l-awtoritajiet lokali u l-partijiet ikkonċernati kollha inkwistjoni, inklużi s-sħab soċjali, matul l-implimentazzjoni tal-investimenti u r-riformi inklużi fl-RRP modifikat inkluż il-kapitolu tar-REPowerEU.

Valutazzjoni pożittiva

- (56) Wara l-valutazzjoni pożittiva tal-Kummissjoni dwar l-RRP modifikat inkluż il-kapitolu tar-REPowerEU, bis-sejba li l-RRP jikkonforma b'mod sodisfaċenti mal-kriterji għall-valutazzjoni stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/241, f'konformità mal-Artikolu 20(2) u mal-Anness V ta' dak ir-Regolament, din id-Deċiżjoni teħtieġ li tistabbilixxi r-riformi u l-proġetti ta' investiment meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-RRP modifikat inkluż il-kapitolu tar-REPowerEU, l-istadji importanti, il-miri u l-indikaturi rilevanti, u l-ammont disponibbli mill-Unjoni għall-implimentazzjoni tal-RRP modifikat inkluż il-kapitolu tar-REPowerEU fil-forma ta' appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli.

Kontribuzzjoni finanzjarja

- (57) Il-kostijiet totali stmati tal-RRP modifikat inkluż il-kapitolu tar-REPowerEU ta' Malta huma ta' EUR 336 319 658. Billi l-ammont tal-kostijiet totali stmati tal-RRP modifikat huwa oġhla mill-kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata disponibbli għal Malta, jenħtieġ li l-kontribuzzjoni finanzjarja kkalkulata f'konformità mal-Artikolu 11 alllokata għall-RRP modifikat ta' Malta inkluż il-kapitolu tar-REPowerEU tkun daqs l-ammont totali tal-kontribuzzjoni finanzjarja disponibbli għall-RRP modifikat ta' Malta, inkluż il-kapitolu tar-REPowerEU. Dan l-ammont huwa ta' EUR 258 275 901.

- (58) Skont l-Artikolu 21a(5) tar-Regolament (UE) 2021/241, fis-26 ta' April 2023 Malta ppreżentat talba għall-allokazzjoni tad-dħul imsemmi fl-Artikolu 21a(1) ta' dak ir-Regolament, kondiviż bejn l-Istati Membri fuq il-bażi tal-indikaturi stabbiliti fil-metodoloġija fl-Anness IVa tar-Regolament (UE) 2021/241. Il-kostijiet totali stmati tal-miżuri msemija fl-Artikolu 21c(3), il-punti minn (b) sa (f), ta' dak ir-Regolament inklużi fil-kapitolu tar-REPowerEU huma ta' EUR 69 955 027. Billi dan l-ammont huwa oġġa mis-sehem tal-allokazzjoni disponibbli għal Malta, jenħtieġ li l-appoġġ finanzjarju addizzjonali mhux ripagabbli disponibbli għal Malta jkun daqs is-sehem tal-allokazzjoni. Dan l-ammont huwa ta' EUR 29 955 027.
- (59) Barra minn hekk, f'konformità mal-Artikolu 4a tar-Regolament (UE) 2021/1755¹, fl-1 ta' Marzu 2023 Malta ppreżentat talba motivata biex tittrasferixxi parti mill-allokazzjoni proviżorja tagħha li fadal mir-riżorsi tar-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit lill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza stabbilita bir-Regolament (UE) 2021/241, li tammonta għal EUR 40 000 000. Jenħtieġ li dan l-ammont isir disponibbli biex jappoġġa r-riformi u l-investimenti fil-kapitolu tar-REPowerEU bħala appoġġ finanzjarju addizzjonali mhux ripagabbli.
- (60) Jenħtieġ li l-kontribuzzjoni finanzjarja totali disponibbli għal Malta tkun ta' EUR 328 230 928.

¹ Ir-Regolament (UE) 2021/1755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Ottubru 2021 li jistabbilixxi r-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit (ĠU L 357, 8.10.2021, p. 1).

Prefinanzjament tar-REPowerEU

- (61) Malta talbet il-finanzjament li ġej għall-implimentazzjoni tal-kapitolu tar-REPowerEU tagħha: trasferiment ta' EUR 40 000 000 mill-allokazzjoni proviżorja mir-riżorsi tar-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit, u EUR 29 955 027 mid-dħul mill-Iskema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet skont id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.¹
- (62) Għal dawk l-ammonti, skont l-Artikolu 21d tar-Regolament (UE) 2021/241, fis-26 ta' April 2023 Malta talbet prefinanzjament ta' 20 % tal-finanzjament mitlub. Soġġett għar-riżorsi disponibbli, jenħtieġ li dak il-prefinanzjament jitqiegħed għad-dispożizzjoni ta' Malta soġġett għad-dħul fis-seħħ tal-ftehim li għandu jiġi konkluż bejn il-Kummissjoni u Malta skont l-Artikolu 23(1) tar-Regolament (UE) 2021/241 u f'konformità miegħu.
- (63) Għaldaqstant, jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-5 ta' Ottubru 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għal Malta tiġi emendata skont dan. Għal raġunijiet ta' ċarezza, jenħtieġ li l-Anness ta' dik id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni jiġi sostitwit kompletament,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Unjoni u li temenda d-Direttiva 96/61/KE (ĠU L 275 25.10.2003, p. 32).

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-5 ta' Ottubru 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għal Malta. hija emendata kif ġej:

- (1) l-Artikolu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 1

Approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-RRP

Il-valutazzjoni tal-RRP modifikat ta' Malta fuq il-bażi tal-kriterji previsti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241 hija approvata. Ir-riformi u l-proġetti ta' investiment skont l-RRP, l-arranġamenti u l-iskeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tal-RRP, inklużi l-istadji importanti u l-miri rilevanti, l-indikaturi rilevanti marbuta mal-ilħiq tal-istadji importanti u l-miri previsti, u l-arranġamenti biex il-Kummissjoni tagħti aċċess sħiħ għad-*data* rilevanti sottostanti huma stabbiliti fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.”;

- (2) fl-Artikolu 2, il-paragrafi 1 u 2 huma sostitwiti b'dan li ġej:

“1. L-Unjoni għandha tqiegħed għad-dispożizzjoni ta' Malta kontribuzzjoni finanzjarja fil-forma ta' appoġġ mhux ripagabbli li jammonta għal EUR 328 230 928*. Din il-kontribuzzjoni tinkludi:

- (a) ammont ta' EUR 171 064 988, li għandu jkun disponibbli biex jiġi impenjat legalment sal-31 ta' Diċembru 2022;

- (b) ammont ta' EUR 87 210 913, li għandu jkun disponibbli biex jiġi impenjat legalment mill-1 ta' Jannar 2023 sal-31 ta' Diċembru 2023;
 - (c) ammont ta' EUR 29 955 027**, f'konformità mal-Artikolu 21a(6) tar-Regolament (UE) 2021/241, esklużivament għall-miżuri msemmija fl-Artikolu 21c(3) ta' dak ir-Regolament, bl-eċċezzjoni tal-miżuri msemmija fl-Artikolu 21c(3), il-punt (a), ta' dak ir-Regolament;
 - (d) ammont ta' EUR 40 000 000, trasferit mir-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit għall-Faċilità.
2. Il-Kummissjoni għandha tagħmel il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni disponibbli għal Malta f'pagamenti parzjali f'konformità mal-Anness ta' din id-Deċiżjoni. L-ammont ta' EUR 41 132 454 għandu jkun disponibbli bħala prefinanzjament f'konformità mal-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) 2021/241. Il-Kummissjoni tista' tħallas il-prefinanzjament u l-pagamenti parzjali f'segment wieħed jew f'diversi segmenti. Id-daqs tas-segmenti għandu jkun soġġett għad-disponibbiltà tal-finanzjament.

L-ammont ta' EUR 13 991 005 għandu jkun disponibbli bħala prefinanzjament f'konformità mal-Artikolu 21d tar-Regolament (UE) 2021/241. Dak il-prefinanzjament jista' jitħallas mill-Kummissjoni f'massimu ta' żewġ pagamenti.

* Dan l-ammont jikkorrispondi għall-allokazzjoni finanzjarja wara t-tnaqqis tas-sehem proporzjonali ta' Malta tal-ispejjeż imsemmija fl-Artikolu 6(2) tar-Regolament (UE) 2021/241, ikkalkulata f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Artikolu 11 ta' dak ir-Regolament.

** Dan l-ammont jikkorrispondi għall-allokazzjoni finanzjarja wara t-tnaqqis tas-sehem proporzjonali ta' Malta tal-ispejjeż imsemmija fl-Artikolu 6(2) tar-Regolament (UE) 2021/241, ikkalkulata f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Artikolu 11 ta' dak ir-Regolament.”;

(3) l-Anness huwa sostitwit bit-test li jidher fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika ta' Malta.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President